# SAN PIJU X



## Il-Papa li fi żmienu twaqqfet il-Parroċċa

**Dun Geoffrey G. Attard**

Giuseppe Sarto – il-futur Papa Piju X – twieled f'Riese fit-tramuntana ta' Venetia nhar it-2 ta' Ġunju 1835, bin il-pustier tar-raħal u l-ħajjata tar-raħal. Fil-magħmudija tiegħu ngħata l-ismijiet ta' Giuseppe Melchiorre u attenda l-iskola fir-raħal ta' Castelfranco. Meta ħass is-sejħa saċerdotali, daħal jistudja fis-seminarju ta' Padova bejn l-1850 u l-1858. Ordna saċerdot nhar it-18 ta' Settembru 1858 u wara l-ordinazzjoni qatta' disa' snin bħala viċi-parroku u tmien snin bħala kappillan ta' Salzano. Serva bħala kanċillier ta' Treviso u direttur spiritiwali tas-seminarju bejn l-1875 u l-1884. Imbagħad intagħżel bħala isqof ta' Mantova, djoċesi li f'dak iż-żmien kienet għaddejja minn kriżi. Hu daħal b'ruħu u ġismu sabiex jerġa' jagħti ħajja ġdida lil din id-djoċesi antika. F'Ġunju 1893, il-Papa Ljun XIII ħatru Patrijarka-Arċisqof ta' Venezja u kardinal. Għal għaxar snin sħaħ wera li kien ragħaj ħabrieki tal-erwieħ u kien dedikat ferm għas-saċerdoti tiegħu u għall-arċidjoċesi afdata f'idejh. Hu ħeġġeġ kemm felaħ sabiex il-Kattoliċi u l-liberali moderati jeħduha kontra s-soċjaliżmu. Imbagħad fil-konklavi ta' wara l-mewt ta' Ljun XIII, il-Kardinal Rampolla deher li kien il-favorit tal-kardinali. Imma nhar it-2 ta' Awwissu, l-Imperatur tal-Awstrija Franz Joseph li kellu s-setgħa tal-veto, m'aċċettax lil Rampolla bħala suċċessur tal-Papa Ljun. Għalhekk il-kardinali kellhom idawru l-attenzjoni tagħhom fuq kandidat ieħor – huma għażlu lill-Kardinal Sarto ta' Venezja sabiex ikun il-papa l-ġdid. Mas-seba' votazzjoni, Sarto kien maħtur suċċessur ta' Pietru. Hu għażel l-isem ta' Piju b'sens ta' qima lejn l-aħħar papiet li kellhom dak l-isem u li kienu sofrew persekuzzjoni.



### PONTIFIKAT F'BIDU TA' SEKLU ĠDID

Il-Papa l-ġdid għażel bħala motto l-frażi *instaurare omnia in Christo* – Inġeddu kollox fi Kristu, meħuda mill-Ittra ta' San Pawl lill-Efesin (Efes 1: 10). Papa Piju għamilha ċara mill-bidu li hu ried ikun papa reliġjuż u mhux politiku. Hu kien iqis il-politika ta' Ljun XIII li jipprova jogħġob lill-ħakkiema Ewropej bħala falliment. Għażel bħala segretarju tal-Istat lill-Kardinal Spanjol Rafael Merry del Val (1865-1940) u insista fuq id-drittijiet tal-Knisja. Dan malajr wassal għall-ksur fir-relazzjonijiet ma' Franza nhar it-30 ta' Lulju 1904. Dan wassal lill-ministeru ta' Emile Combes sabiex iħoll il-konkordat li kien sar fis-sena 1801. Il-propjetà tal-Knisja marret f'idejn l-assoċjazzjonijiet lajċi fl-1905. Papa Piju kkundanna l-Liġi tas-Separazzjoni u kontra l-parir ta' ħafna mill-isqfijiet, ipprojbixxa qbil ta' kompromess u assigura l-indipendenza tal-Knisja mill-ħakma temporali; il-prezz li ħallas kien il-qerda materjali tal-ġid tal-Knisja. Ipprotesta wkoll kontra l-firda bejn knisja u stat fil-Portugall li seħħet fl-1911 fil-waqt li l-appoġġ tiegħu għall-minoranzi Kattoliċi fil-Polonja u fl-Irlanda qajmet rabja fir-Russja u fil-Gran Brittanja. L-Istati Uniti tal-Amerika ħadet għaliha meta fl-1910 Papa Piju ma aċċettax li jilqa' għandu lill-ex-President Theodore Roosevelt wara li dan kien għamel diskors fil-Knisja Metodista ta' Ruma. Żamm sħiħ fil-kwistjoni Rumana li minħabba fiha kien bata

ħafna Papa Piju IX (illum Beatu) u introduċa *detente* bejn il-Vatikan u l-gvern Taljan. Parzjalment beżgħan quddiem it-theddida tas-soċjaliżmu, hu ippermetta lill-isqfijiet nhar il-11 ta' Ġunju 1905 li jkunu aktar flessibbli fir-rigward tas-sehem tal-Kattoliċi fl-elezzjoni.

**ORTODOSSIJA FIT-TAGĦLIM**

Piju X kien l-għadu per eċċellenza tal-Moderniżmu. Kiteb diversi dokumenti dwar il-perikli ta' dan il-moviment u żied bosta kitbiet mal-lista tal-kitbiet fl-Index. Lill-Moderniżmu sejjaħlu 'sintesi tal-ereżiji kollha' u permezz tad-digriet famuż tiegħu tat-3 ta' Lulju 1907 *Lamentabili* hu kkundanna ħamsa u sittin propożizzjoni. Fit-8 ta' Settembru 1907, Festa tat-Twelid Glorjuż tal-Imqaddsa Verġni Marija, hu iffirma l-enċiklika *Pascendi* biex fiha jkompli jikkundanna l-qilla tal-Moderniżmu. Imbagħad nhar l-1 ta' Settembru 1910 ħareġ il-motu proprju *Sacrorum antistitum* u impona fuq il-kleru li jieħu ħalfa li jagħmlu minn kollox biex jiġġieldu l-Moderniżmu. Fil-11 ta' Ġunju 1905 kiteb kitba bl-isem *Il fermo proposito* fejn qal li l-iskop oġġettiv tal-gruppi soċjali huwa li 'jieħu post Ġesù Kristu fil-familji, fl-iskola u fil-komunità in ġenerali'. Għalhekk issospenda l-*Opera dei Congressi* li kienet tikkordina l-assoċjazzjonijiet Kattoliċi fl-Italja u kkundanna l-moviment *Le Sillon* ta' Marc Sangier fi Franza li kellu l-għan li jirrikonċilja l-Kattoliċiżmu ma' ideat politiċi tax-xellug. Imbagħad iddeċieda li jeħodha kontra t-trejd unions konfessjonali. Imma b'kuntrast ma' dan kollu, hu kien tolleranti għall-għaqda tal-lemin bl-isem *Action Francaise* li kienet favur il-monarkija.

**RIFORMATUR KBIR**

Wieħed ma jridx jinsa li Papa Piju kien il-kawża ta' ħafna tiġdid u titjib fi ħdan il-Knisja. Hu organizza mill-ġdid il-Kurja, ġedded il-kongregazzjonijiet u t-tribunali tal-Knisja, elimina dawk l-uffiċji li kienu tilfu l-iskop tagħhom u ġedded l-amministrazzjoni ċentrali tal-Knisja l-aktar permezz tad-dokument *Sapienti consilio* tad-19 ta' Ġunju 1908. Megħjun minn kummissjoni speċjali u fuq il-parir tal-universitajiet Kattoliċi, hu irreveda l-Kodiċi tal-Liġi Kanonika; dan kellu jiġi ppubblikat mill-ġdid fi żmien is-suċċessur tiegħu fl-1917. Neħħa wkoll il-veto tal-Imperatur Awstrijak mill-konklavi u ta aktar awtonomija lit-tmexxija tal-Knisja; dan għamlu permezz tad-digriet *Commissum nobis* tal-20 ta' Jannar 1904. Tħabat biex is-saċerdoti Kattoliċi jtejbu l-livell spiritwali u morali tagħhom u anke l-ħidma pastorali mwettqa minnhom. Ħejja katekiżmu ġdid u f'ċetu sens antiċipa l-Azzjoni Kattolika li twaqqfet aktar tard fi żmien Piju XI meta fettex lajċi sabiex b'kollaborazzjoni mal-ġerarkija jieħdu sehem biex iġibu 'l quddiem il-ħidmiet apostoliċi tal-Knisja. Ħareġ digrieti ġodda sabiex it-tfal ikunu jistgħu jitqarbnu meta jilħqu l-eta' tar-raġuni u anke sabiex kulħadd ikun jista' jitqarben




aktar sikwit. Irriforma l-mużika sagra u daħħal mill-ġdid il-kant Gregorjan fil-Knisja bħala l-mudell tal-kant kollu ekkleżjastiku. Ġedded il-Liturġija tas-Sigħat magħrufa komunement bħala l-Brevjar permezz tad-dokument *Divino afflatu* tal-1 ta' Novembru 1911. Fl-1914 temm ir-reviżjoni tal-Missal Ruman.

Għalkemm f'diversi oqsma kien konservattiv, Papa Piju X kien ukoll b'kuntrast wieħed mill-papiet riformaturi tal-papat modern. Kien imżejjen b'umilta' kbira u b'sens ta' tjubija karatteristika tal-qaddisin hekk li żmienu kien diġà meqjus qaddis u anke kienu attribwitu lilu xi mirakli f'ħajtu stess. Papa Piju miet nhar l-20 ta' Awwissu 1914 wara pontifikat ta' madwar ħdax-il sena. Il-proċess tal-kanonizzazzjoni tiegħu nfetaħ fl-1923, inqas minn għaxar snin wara mewtu, mill-Papa Piju XI. Kien ibbeatifikat nhar it-3 ta' Ġunju 1951 minn Papa Piju XII u kkanonizzat nhar id-19 ta' Mejju 1954 mill-istess Papa Pacelli. It-tifkira liturġika tiegħu ssir nhar il-21 ta' Awwissu.

**RABTIETU MAL-GRAN FONTANA**

Meta l-Fontanin għamlu talba għall-parroċċa, il-Papa bagħtilhom lil wieħed mill-prelati l-aktar qrib tiegħu, Mons. Pietro La Fontaine, li aktar tard kien suċċessur tiegħu bħala patrijarka-arċisqof ta' Venezja (u li inċidentalment il-kawża tal-kanonizzazzjoni tiegħu tinsab ukoll miftuħa). Wara studju bir-reqqa tal-każ, il-Papa qatagħha li jaqta' l-Fontana bħala parroċċa awtonoma. Fil-fatt, l-Isqof Ġiovanni M. Camilleri qata' l-Fontana bħala parroċċa permezz tad-digriet *Constito Nobis* nhar is-27 ta' Marzu 1911. B'hekk il-Papa Piju X jista' jitqies bħala wieħed mill-benefatturi indiretti tal-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù. Ix-xbieha tiegħu tinsab ukoll f'wieħed mill-kwadri fis-sagrestija spazjuża tal-parroċċa. Hekk il-Fontana hija l-unika parroċċa Għawdxija mwaqqfa fi żmien il-pontifikat ta' dan il-papa qaddis.